MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2893/2002

**Strand Electronics Limited**

**vs**

**Valletta Freight Services Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-2 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tmenin lira Maltin u disgha centezmi (Lm480.09) rapprezentanti ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata, ta' servizzi rezi u ta' kiri ta' makkinarju;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju, 2002. u bl-imghax legali kontra l-konvenut mid-data tal-konsenja.**

**Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta Valletta Freight Services Limited ipprezentata fit-12 ta' Frar 2002 fejn intqal:**

**i. illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhuwiex dovut, u dana ghaliex mill-ammont mitlub u cioe' ta' erba' mija u tmenin lira u disa' centezmi (Lm480.09), diga thallas l-ammont ta' tlett mija u disa' liri u sitta u tletin centezmu (Lm309.36) permezz ta' cheque issarraf mis-socjeta' attrici fid-19 ta' Lulju 2002.**

**ii. Illi l-bilanc tas-somma mitlub u cioe' mija u sebghin lira u tlieta u sebghin centezmu (Lm170.73) lanqas ma huwa dovut lis-socjeta' ghaliex huwa ammont ferm esagerat u ammont mitlub ghal servizzi li jew ma gewx rezi lis-socjeta' esponenti jew inkella gew rezi inutilment ghaliex il-makkanarju in kwistjoni dejjem baqa' ma jahdimx.**

**iii. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata mis-socjeta` attrici fis-26 ta' Frar, 2003, li biha it-talba giet ridotta ghal mija u sebghin lira u tlieta u sebghin centezmu (Lm170.73). Ra n-nota spjegattiva prezentata fir-rigward mis-socjeta` attrici, li minnha jirrizulta li kien sar il-pagament qabel ma infethet il-kawza odjerna.**

**Sema' x-xhieda' ta' Dr Hubert Dalli, Charmaine Muscat, Peter Paul Galea, Brian Magri. Ha konjizzjoni ta' l-atti kollha tal-kawza u tad-dokumenti esebiti.**

**Ikkunsidra:**

**1. is-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ghall-servizzi rezi fuq photocopier tas-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` konvenuta qed tghid li l-ammont mitlub huwa esagerat.**

**2. Jirrizulta illi t-technician tas-socjeta` attrici kien mar diversi drabi ghand is-socjeta` attrici, u dana kif jirrizulta mid-Dok.CM1 sa CM8 esebiti. Skond ma xehdet Charmaine Muscat dan kien jirranga il-photocopier, u kif jitlaq din terga ma tahdimx. Jirrizulta li kull darba li jmur kien jiehu tnax-il lira talli attenda biss, cioe` ghal dik li Brian Magri, Technical**

**Manager tas-socjeta` attrici, isejjah bhala « inspection ».**

**3. Jekk wiehed jezamina d-dokumenti esebiti jirrizulta li t-technician tas-socjeta` attrici fil-perjodu bejn id-9 ta' Lulju, 2001 u s-7 ta' Awissu, 2001, mar hames darbiet (Dok.CM3 sa CM7). It-Tribunal innota li f'dawn l-okkazjonijiet is-service charge totali telghet ghall-erbgha u tmenin lira (Lm48.00), peress illi jidher li f'okkazjoni minnhom ma kienx hemm « charge » u dana referibilment ghad-Dok.CM5.**

**4. It-Tribunal huwa tal-fehma li hemm lok ghall-mitigazzjoni b'riduzzjoni ta' tletin lira fl-ammont dovut, u ghalhekk jigi li l-ammont fil-fatt dovut huwa ta' mija u erbghin lira u tlieta u sebghin centezmu (Lm140.73).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni sollevata li l-ammont mitlub huwa esagerat, u konsegwentement qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mija u erbghin lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm140.73) bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u in vista li kienu saru l-maggor parti tal-pagamenti qabel ma nfethet il-kawza, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-zewg terzi mis-socjeta` attrici u terz mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------